**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 19 TA' SETTEMBRU, 2001**

**Numru: 501/01AE**

**Avviz Nru: 16**

Mobisle Communications Limited

vs

Ronald Mifsud

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u tmienja u erbghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm248.40) hlas ghall-servizzi rezi lill-konvenut matul ix-xhur ta' Dicembru 2000 sa Mejju 2001

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma l-kreditu u li mill-ammont mitlub ghadu ma thallas xejn. Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici fit-18 ta' Settembru 2001.

Illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2001 u lanqas fis-seduta tal-lum, kif ukoll ma pprezentax risposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u erbghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm248.40) dovuta ghar-ragunijiet premessi, bl-imghax mt-6 ta' Gunju 2001 data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali.

L-ispejjez skond l-Artikolu 10 tal-Kap. 380 jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**